MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 195/2002/1

Kawza fil-lista: 46

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti A B u C B nee Mifsud kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fit-8 ta’ April 1984 Dok. A.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizjat u/jew sar bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg.

Peress illi ser jirrizulta li l-konvenut ma riedx li jkun hemm tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli relevanti taht l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti A B u C B nee Mifsud debitament ikkuntrattat fit-8 ta' April 1984 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li sa fejn taf hi fil-mument taz-zwieg ma kien jezisti ebda impediment jew nuqqas li seta' rrenda z-zwieg null.

2. Illi jekk jirrizulta li z-zwieg huwa null minhabba xi nuqqas ta' l-istess attur, il-konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kkuntrattat fit-8 ta' April 1984 huwa null fil-ligi fit-termini kontemplati fl-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fil-paragrafi [f] u [g] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255;

Minn naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghal din it-talba billi ssostni li, sa fejn taf hi, il-kunsens matrimonjali taghhom ma kienx vizzjat fit-termini tal-ligi;  u fi kwalunkwe kaz jekk kien hemm nuqqas, dan kien attribwibbli lill-attur.

Mill-provi rrizulta li l-kontendenti zzewwgu f' Malta fit-8 ta' April 1984 wara gherusija ta' aktar minn sentejn, u meta l-attur kellu 20 sena u l-konvenuta kellha 18 il-sena.  Minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal.

Illi l-attur isostni li mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali, sa anke fl-gherusija kien hemm certu incertezza bejniethom u jghid " jiena kelli dubbji fuq il-livell ta' imhabba jew ahjar feelings ghaliha, liema haga serviet ta' xkiel biex ghalhekk nista' nifhem ukoll jekk forsi l-mara kellha certa insigurta fis-sitwazzjoni."[1]  Huwa jghid li kien hemm nuqqas ta' imhabba minn naha tal-konvenuta u riluttanza da parti taghha sabiex taghmel l-att konjugali.  Huwa jiddeskrivi lil martu bhala mara difficli biex tghix maghha hu jghid li r-relazzjoni tieghu maghha kienet "infern".

Illi in sostenn tat-tesi tieghu l-attur ipprezenta l-affidavits tal-genituri tieghu li kkonfermaw dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu,  izda in kontro ezami dawna ddistakkaw ruhhom minn dak li kien hemm imnizzel f' dawn l-affidavits taghhom u sahansitra innegaw partijiet minnhom, u li

---

[1] Aff. Fol.31

huma ta’ natura determinanti, b’ mod li taw konfort lit-tezi tal-konvenuta.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li huma kienu zzewwgu wara aktar minn sentejn gharajjes u kienu wkoll ghamlu kors ta’ Kana. Hija tinnega li kien hemm stat ta’ incertezza kemm minn naha taghha kif ukoll minn naha tieghu, u tghid li huma kienu ferhanin anke fiz-zwieg li minnu ghandhom tlett it-tfal. L-inkwiet inqala’ fiz-zmien li it-tifla l-kbira kellha 14 il-sena, meta l-attur qabad relazzjoni ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Awstrijaka li hi ssemmi b’ isimha, u kien f’ dan iz-zmien u minhabba din ir-relazzjoni extra maCli ta’ l-attur li hija kienet tirrifjuta li jkollha x’ taqsam ma’ l-attur. Hija ssostni li l-attur “ .. issa qed jivvinta hafna affarijiet biex igib l-annullament u jkun jista’ jizzewweg it-tfajla l-gdida li ghandu.”[2]

Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi m’ ghandha l-ebda dubju li t-tesi veritierja hija dik kif esposta mill-konvenuta u mhux mill-attur. Il-versjoni ta’ l-attur hija inverosimili, tenut kont li f’ dan iz-zwieg, li huwa ddeskriva bhala stat ta’ infern, huwa ghandu tlett it-tfal. Inoltre, id-deposizzjonijiet tal-genituri tieghu in kontro ezami jinnewtralizzaw l-istampa negattiva li huwa pprova jaghti taz-zwieg.

Fir-rigward tal-*capita nullitatis* li fuqhom huwa qed jibbaza l-azzjoni tieghu, il-Qorti tosserva li minn imkien ma rrizulta li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jew xi wahda minnhom kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet u d-drittijiet li din timporta; minn imkien ma’ rrizulta li l-partijiet jew xi hadd minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali eskludiet internament b’ att posittiv tal-volonta’ taghha xi wiehed mill-obbligi konjugali essenzjali, jew l-att konjugali; minn imkien ma rrizzulta li l-partijiet jew xi hadd minnhom rabtu l-kunsens matrimonjali ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur. Il-provi f’ dan ir-rigward huma mankanti, anzi juru proprju l-kuntrarju; u fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mat-tesi tal-konvenuta li l-attur ghamel allegazzjonijiet infondati b’

[2] Aff. Fol.59

tentattiv fjakk sabiex jipprova jottjieni n-nullita' taz-zwieg tieghu mal-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi u ghalhekk timmeC li tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------